**9 ta' Lulju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Christine Galea

## Sentenza f'Isem Żbaljat

*F'dan il-każ is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ngħatat fl-isem ta' "Christine" (l-isem imsemmi fiċ-ċitazzjoni) mentri skond estratt ta' l-Att tat-Twelid l-isem kellu jkun "Maria-Cristina". Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tirrigwarda biss lil Christine Galea u ma għandha ebda effett legali kontra Maria-Cristina Galea.*

*Fis-sentenza tagħha il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:*

*L-ewwel isem huwa segwali għall-kunjom:*

*Il-fatt li l-imputata ma qalet xejn dwar isimha fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ma jiswiex biex ibiddel l-aspett ġuridiku għaliex din hi materja ta' ordni pubbliku li mhix derogabbli mill-privat.*

*L-argument li fir-rikors ta' appell intuża l-isem "Christine" huwa irrilevanti - anzi kieku ma sarx hekk l-istess rikors kien ikun null; u*

*Kien hemm prova li l-persuna kkonċernata mhux soltu tiffirma bħala "Christine" iżda bħala "Maria-Cristina".*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputata talli matul dawn l-aħħar tnax-il xahar u fit-28 ta' Settembru, 1983, għall-ħabta tad-9.15 a.m. bħala negozjant f'ħanut li qiegħed 115, Triq Melita, il-Belt Valletta, naqset li jkollha tikketta bajda li turi l-prezz fuq *bubble bath*, imsielet, *bath salts*, sapun, *shampoo super soft, rexona*, petnijiet u *brushes* li kellha esebiti għall-bejgħ;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tat-8 ta' Mejju, 1984 li permezz tagħha wara li kkunsidrat illi jirriżulta li l-imputata ma kellhiex tikketta bajda fuq l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni u dan ukoll aċċettata l-istess imputata kif jirriżulta mid-dokument A esebit sabet lill-imputata ħatja u kkundannata Lm20 multa bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputata li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara li s-sentenza appellata tat-8 ta' Mejju, 1984 fil-kawża fl-ismijiet premessi tirrigwarda

biss lill- "Christine" u ma tolqotx lil Maria Cristina Galea u allura ma għandha ebda effett legali kontra dina u fil-każ ta' riġett ta' din it-talba, din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentena appellata billi ssib lill-imputata mhux ħatja ta' l-akkuża miġjuba kontra tagħha u tilliberaha;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-appell interpost għandu jiġi akkolt fuq l-aggravju li s-sentenza ingħatat kontra persuna li isimha ma jikkorrispondix ma' dak reali ta' l-imputata;

Infatti:

Jirriżulta li filwaqt li mill-estratt ta' l-Att tatt-Twelid ta' l-appellanti hi jisimha "Maria-Cristina" ċ-ċitazzjoni inħarġet u s-sentenza ngħatat kontra "Christine" Galea;

Illi kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija *vs* Vincent Galea**, tad-29 ta' Lulju, 1960 u **Il-Pulizija *vs* Carmelo Xuereb**, tal-25 ta' Frar, 1967, fl-ewwel isem huwa segwali għall-kunjom. L-identità ta' l-imputat;

Illi kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Settemmbru, 1956 in re **Il-Pulizija *vs* Raymond Cassar**, il-fatt li l-imputata ma qalet xejn dwar isimha fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ma jiswiex biex ibiddel l-aspett ġuridiku għaliex din hi materja ta' ordni pubbliku li mhix derogabbli mill-privat;

Illi mhux biss hu rrilevanti l-argument ta' l-appellat illi l-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħha użat hi stess l-isem "Christine" anzi jingħad fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kostanti li hekk biss setgħet tagħmel għax altrimenti r-rikors ta' l-appell stess kien ikun null (ara f'dan ir-rigward App. Krim. **Il-Pulizija** *vs* **John Muscat**, 21.4.1977);

Illi mid-dok. A esebit ċjoè d-dikjarazzjoni li l-imputata iffirmat lid-Difensuri tax-Xerrejja jirriżulta ċar li hi ffirmat bħala Maria-Cristina Galea u għalhekk mhux talli ma jidhirx li jista' jkun hemm raġuni għala ċ-ċitazzjoni ħarġet kontra Christine Galea anzi jidher li hemm il-prova li l-persuna kkonċernata mhux soltu tiffirma bħala Christine iżda bħala Maria-Cristina Galea;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess fis-sens li ser jingħad u ċjoè billi tiddikjara illi s-sentenza appellata tirrigwarda lil Christine Galea u ma tolqotx lil Maria-Cristina Galea u ma għandha ebda effett legali kontra din ta' l-aħħar u konsegwentement tiddikjara li ma hemmx lok li tipprovdi ulterjorment fuq dan l-appell.